11 ta' Ġunju, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giuseppe Brincat *versus* Marianna Carmana

**Lokazzjoni — Retratt — Art. 1329 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*L-art. 1329 ta' -Ord. VII ta' l-1868 għ-e dejjem interpretat mill-ġurisprudenza tagħna fis-sens illi l-akkwirent ta' fond ma jistax iħoll lokazzjoni li tkun korrenti waqt iż-żmien ta' l-irkupru, iżda mhux meta l-lokazzjoni tkun spiċċat u s-sid ikun irid jimpedixxi r-rilokazzjoni.*

*F'dan il-każ il-Board tal-Kera kien ċaħad it-talba għar-ripreża tal-possess tal-fond imħabba li kienet għadha sseħħ Notifikazzjoni tal-Gvern li kienet saret fi żmien l-emerġenza; u l-Qorti ta' l-Appell irriformat is-sentenza u laqgħet it-talba, għaliex fl-intervall dik in-Notifikazzjoni kienet tilfet is-seħħ tagħha.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Giuseppe Brincat quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex jieħu pussess tad-dar nru. 85, Luqa Road, Pawla, mikrija lill-intimata, biex joqgħod fiha hu u l-familja tiegħu minħabba raġunijiet inerenti għall-gwerra ;

*Omissis ;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Board fuq imsemmi fil-25 ta' April 1945, fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha preliminari, u ċaħad ukoll it-talba tar-rikorrent............; wara li kkunsidra ;

Fuq l-ewwel eċċezzjoni, illi l-kumpratur mhux *obligat* jagħti avviż lill-inkwilin fuq ix-xiri li jkun għamel, u jekk kien hemm fih xi dubju, id-depożizzjoni tar-rikorrent neħħietu ;

Illi fuq it-tieni eċċezzjoni, l-artikolu fuq imsemmi (1329 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868) dejjem ġie interpretat fis-sens illi min jixtri post ma jistax jipprevalixxi ruħu minn fakoltà riżervata mill-venditur li jħoll il-lokazzjoni fil-każ ta' bejgħ, u dan waqt iż-żmien tar-retratt, u mhux fis-sens illi ma jistax

jikkostringi l-akkwirent li jħalli l-post jekk il-lokazzjoni tkun spiċċat (ara sent. Kollez. Vol. XXVI, P. I, Sez. III, pag. 310; Vol. XVII — II — 134; u Vol. X, p. 587);

Illi fuq it-tielet eċċezzjoni, huwa veru li t-talba ma ġietx magħmula fiż-żmien, iżda dan ma jirrendix inattendibili t-talba għall-perijodu tar-rilokazzjoni ta' wara;

Illi fil-meritu ma hemmx ċirkustanzi li ħierġa mill-gwerra skond il-Government Notice nru. 51 ta' l-1941...............;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Brincat fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata fejn il-Board ċaħad it-talba fil-meritu..............;

Rat ir-risposta ta' l-appellata fejn talbet illi dik is-sentenza tiġi riformata fis-sens li tiġi milqugħa l-eċċezzjoni preliminari in bażi għall-artikolu 1329 fuq imsemmi, u subordinatament illi tiġi konfermata dik is-sentenza, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-appell inċidentali ta' l-intimata huwa mingħajr bażi, għaliex, kif tajjeb irritjena l-Board, id-dispożizzjoni fuq ċitata tal-liġi ġiet dejjem interpretata mill-ġurisprudenza tagħna fis-sens illi l-akkwirent ma jistax iħoll lokazzjoni li tkun għadha sejra waqt iż-żmien tar-retratt, iżda mhux meta l-lokazzjoni tkun spiċċat u s-sid irid jimpedixxi r-rilokazzjoni taċita;

Għalhekk tirrespinġi dak l-appell inċidentali, u fuq dan il-pont tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż kontra l-intimata;

Tikkunsidra fil-meritu;

Illi l-Board irrespinġa t-talba tar-rikorrenti in bażi għan-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 51/41; iżda dik in-Notifikazzjoni ma għandhiex iżjed forza, għaliex kienet emanata taħt il-kondizzjoni "until an armistice is signed between his Majesty and those Powers with whom He is in the date thereof at war", u f'dik id-data l-Maestà Tiegħu kien fi stat ta' gwerra mal-Germanja u ma' l-Italja, mentri l-lum dawn l-Istati arrendew ruħhom inkondizzjonatament u għalhekk l-istat ta' gwerra definitivament spiċċa ma' l-istess Stati;

Tikkunsidra ;

Illi ghalkemm dan ma kienx ghadu ġara alment mal-Germanja, fil-25 ta' April 1945, data tas-sentenza tal-Board, iżda meħuda konsiderazzjoni li dik kienet liġi ta' emerġenza li qegħda tapplika regoli speċjali restrittivi tad-dritt tal-proprjetà, ma għandhiex ikollha applikazzjoni jekk fl-intervall li dik is-sentenza li ma għaddietx f'ġudikat u qegħda quddiem din il-Qorti għall-eżami tagħha, dik in-Notifikazzjoni tilfet il-forza tagħha. Kienet tkun l-aktar ħaġa inġusta u kontra kull prinċipju ta' ekwità li din il-Qorti tikkonferma sentenza tal-Board mogħtija fuq liġi li l-lum ġiet revokata, meħuda konsiderazzjoni tan-natura speċjali ta' emerġenza u provviżorjetà ta' dik il-liġi. Dan apparti l-meritu tal-każ eżaminat mill-Board bħala "result of the war" ;

Tikkunsidra ;

Illi tibqa' l-kwistjoni tal-"hardship" bejn ir-rikorrent u l-intimata. Din qegħda f'dak il-post.............. ;

Għal dawn ir-raġunijiet ;

Tilqa' l-appell tar-rikorrent Giuseppe Brincat, u għal-hekk tilqa' t-talba tiegħu, u għall-fini ta' l-iżgumbrament tagħti żmien lill-intimata ta' xahrejn mill-11 ta' Ġunju 1945 ; l-ispejjeż.............. ; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.